MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2022

Appell Inferjuri Numru 66/2021 LM

**Mario Riolo (K.I. 230970M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Carmelo Spiteri (K.I. 46150G)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Carmelo Spiteri (K.I. 46150G)**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-11 ta' Jannar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi laqa' t-talba tal-attur **Mario Riolo (K.I. 230970M)** [hawnhekk 'l-

appellat'] limitatament fis-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), liema somma tinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud, u ordna lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur, bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jinqasmu kwantu għal kwinta parti mill-attur u l-kumplament mill-konvenut.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tal-Avviż tat-Talba tiegħu, l-attur spjega li huwa jaħdem bħala mekkanik, u li xi żmien qabel kien intalab mill-konvenut jagħmillu xogħol ta' tiswija fuq trakk tad-ditta Volvo u fuq trakk tad-ditta Scania. L-attur ippreżenta fattura u t-talba għall-ħlas tad-diversi xogħlijiet imwettqa minnu fuq talba tal-konvenut, u qal li l-konvenut huwa debitur tiegħu fis-somma ta' tliet elef, mija u disgħa u disgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€3,199.24). L-attur qal li l-konvenut naqas milli jħallas l-ammont dovut minnu, u huwa għalhekk kellu jistitwixxi dawn il-proċeduri.

**<u>Mertu</u>**

3. Fir-risposta tiegħu, il-konvenut qal li f'Marzu tas-sena 2020, huwa talab lill-attur jagħmillu xi xogħol fuq it-trakkijiet tiegħu, wieħed tad-ditta Scania u l-ieħor tad-ditta Volvo. Qal li l-maġġior parti ta' dawn ix-xogħlijiet ma sarux mill-attur, u għalhekk huwa kellu jinkariga terzi sabiex iwettqu x-xogħlijiet li kellu jagħmel l-attur. Il-konvenut spjega li ħafna mix-xogħol imniżżel fil-fattura ppreżentata mill-attur fil-fatt sar minn terzi, li huwa identifika bħala CB Automotive Repair, u qal li fost ix-xogħlijiet li kellhom isiru mill-attur u li baqgħu

ma sarux hemm it-tneħħija ta' *tyres* u l-bdil ta' brejkijiet u molol fost oħrajn. Qal li dawn ix-xogħlijiet saru minn terzi f'Awwissu tal-2020, u għalhekk kieku l-attur verament għamel ix-xogħol li qiegħed jallega li għamel, fi żmien ħames xhur ma kienx ser ikun hemm il-ħtieġa li dawn ix-xogħlijiet jerġgħu jsiru, għaliex oġġetti bħal brejkijiet u molol iservu ferm aktar minn hekk. Fi ftit kliem, il-konvenut isostni l-ħlas pretiż mill-attur mhuwiex dovut lilu, għaliex ix-xogħol baqa' ma sarx, u qal li fi kwalunkwe każ huwa l-attur li huwa debitur tiegħu, u f'każ li jirriżulta li huwa għandu jagħti xi flus lill-attur, dan l-ammont għandu jkun paċut ma' dak li għandu jtih l-attur. Il-konvenut qal li għalhekk it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda.

4. **Martin Zahra**, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal spjega li huwa jaħdem mal-attur bħala mekkanik, u fis-sena 2020 huwa kien li ħadem fuq trakk tal-konvenut tal-marka Scania. Qal li fost ix-xogħlijiet li kien għamel fuq dan it-trakk, kien hemm il-qlugħ tar-roti kollha u l-bdil tal-*linings* ta' fus minnhom. Ix-xhud spjega li huwa ma ħadimx waħdu fuq dan it-trakk, imma li kien hemm ukoll ċertu Roderick Mifsud li ħadem miegħu. Qal li huwa għamel xogħol bħal *service* tal-magna, bdil taż-żjut u tal-*filters* u bidel ukoll il-brejkijiet ta' wara l-*linings,* u naddaf u bidel *linings* oħrajn. Ix-xhud ikkonferma wkoll li r-roti ma nbidlux, imma nqalgħu għaliex kien hemm bżonn li jitnaddfu.

5. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, dan ix-xhud qal li huwa ilu jaħdem mal-attur madwar għoxrin sena. Ix-xhud ikkonferma li huwa ħadem biss fuq trakk tad-ditta Scania, u l-istruzzjonijiet dwar ix-xogħol li kellu jsir fuq dan it-trakk huwa ħadhom mingħand l-attur. Għad-domanda kemm suppost li

jservu l-molol ta' trakkijiet bħal dawn, ix-xhud wieġeb li kollox jiddependi mix-xufier u mill-mod kif jinstaq it-trakk.

6. **Roderick Mifsud** ikkonferma li huwa wkoll jaħdem bħala mekkanik ma' Riolo Garage u ħadem fuq it-trakk tad-ditta Scania flimkien ma' Martin Zahra. Ix-xhud spjega x-xogħlijiet li saru fuq dan it-trakk.

7. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, dan ix-xhud qal li huwa kien ilu madwar tmien snin jaħdem mal-attur, u qal li f'dan il-każ huwa kien ħadem biss fuq it-trakk tad-ditta Scania. Ix-xhud ikkonferma li x-xogħol li kien meħtieġ fuq it-trakk ma sarx kollu f'ġurnata waħda. Ix-xhud ġie mistoqsi kemm suppost iservu l-molol ta' trakk bħal dan, u x-xhud qal li kollox jiddependi mill-ammont ta' mili kemm ikun ħadem it-trakk. Ix-xhud ippreċiża li kien hemm *parts* ta' naħa minnhom li nqalgħu u tnaddfu, u ma kienx hemm il-ħtieġa li jinbidlu.

8. **Mario Riolo**, fix-xhieda tiegħu spjega li huwa s-sid tal-garaxx fejn saru x-xogħlijiet, u l-konvenut kien ħadlu żewġ trakkijiet. Qal li kien hu li ħadem fuq it-trakk tad-ditta Volvo, filwaqt li l-lavranti tiegħu kienu ħadmu fuq it-trakk tad-ditta Scania billi bidlulu l-brejkijiet, għamlulu *service* u affarijiet oħra. L-attur spjega x-xogħol li kien meħtieġ fuq it-trakk tad-ditta Scania, u qal li kien hemm il-bżonn li jinqalgħu r-roti kollha, li jinqalgħu l-brejkijiet u jitnaddfu, filwaqt li kien hemm bżonn ukoll li jinbidlu l-molol. Qal li kien hemm bżonn ukoll li jinbidlu l-*bump steps,* u tagħmir elettriku ieħor li jintuża fit-trakk. L-attur qal li l-konvenut kien għadu kif xtara dawn it-trakkijiet, iżda ma setgħux jinstaqu, u għalhekk la hu u lanqas il-konvenut ma setgħu jistabbilixxu jekk dawn kellhomx xi difett partikolari. Qal li wara li l-konvenut ħa t-trakk, dan reġa' daħħlu għat-

tiswija għaliex kien hemm problema bl-*air bellows,* u kellu jsir xogħol ieħor bl-assistenza ta’ inġinier. L-attur qal li huwa kien ċempel lill-konvenut u infurmah li kellu l-kont, u l-konvenut kien offra li jħallsu elf Euro akkont, iżda l-attur kien infurmah li kien jippreferi ħlas meta x-xogħol ikun kollu lest. L-attur qal li xi żmien wara il-konvenut talbu jitla’ l-Belt għaliex xtaqu jispjegalu l-kont, u meta ltaqgħu,il-konvenut beda jiddubita jekk ċertu xogħol kienx verament sar għaliex il-boltijiet ma kinux maħlulin. L-attur qal li l-konvenut kien qallu li huwa kien ser iġib mekkanik sabiex jistabbilixxi x’tip ta’ xogħol kien sar fuq dawn it-trakijiet, iżda dan il-mekkanik ma kienx mar. Kompla jgħid li xi żmien wara huwa kien reġa’ tkellem mal-konvenut u staqsieh meta kien ser iħallas, u l-konvenut kien infurmah li l-kwistjoni kienet ser tispiċċa quddiem il-Qorti. L-attur qal li l-konvenut beda jallega li wara li l-attur kien ħadem fuq it-trakk, kien sar xogħol biex inbidlu l-molol ta’ wara, iżda żied jgħid li huwa ma kellu xejn x’jaqsam ma’ dan ix-xogħol.

9. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-attur spjega li t-trakkijiet in kwistjoni kienu ilhom weqfin għand is-sid ta’ qabel, u t-trakk tad-ditta Volvo kellu problema bid-*dash board* jixgħel u ma jtellax arja, filwaqt li t-trakk tad-ditta Scania kellu problema għaliex il-brejkijiet ma kinux jorbtu u kellu bżonn *service.* Qal li kien meħtieġ xogħol ieħor għaliex l-i*steering* ma kienx jikser, u spjega li xogħlu fi ftit kliem kien li t-trakkijiet jiġu tajbin biex jinstaqu fit-triq. Qal li l-istruzzjonijiet li ngħata mill-konvenut kienu biex jagħmel *service* li jinvolvi bdil ta’ żjut, filtri, *gear oils* u brejkijiet, kif ukoll li jagħmel dak kollu meħtieġ biex jassigura li t-trakk ikun jista’ jinstaq fit-triq. L-attur qal li t-trakk tad-ditta Volvo ma kienx jimxi, u għalhekk huwa mar fil-bitħa tal-konvenut biex jara x’kien meħtieġ, u għamel it-tiswijiet hemmhekk. L-attur spjega wkoll li t-trakk tad-

ditta Scania kien *bowser* tad-*diesel,* u l-konvenut ried jibdlu f'*bowser* tal-ilma, u spjega li kien hemm bżonn l-assistenza ta' inġinier biex isir ix-xogħol meħtieġ. Għad-domanda li saritlu dwar kemm suppost li jservu l-molol u l-*linings* li saru fit-trakkijiet in kwistjoni, l-attur wieġeb li l-*life span* ta' dawn il-mekkaniżmi tiddependu mill-mod kif jinstaq it-trakk, u qal li f'każ li x-xufier jonqos milli juża l-*engine brake* jew joqgħod jagħfas il-*brake* il-ħin kollu, il-brejkijiet idubu. L-attur ġie mistoqsi jekk hux minnu li fiż-żmien meta huwa għamel dan ix-xogħol, huwa kien qiegħed iżomm dgħajsa f'maħżen tal-konvenut, l-attur qal li dak m'għandu x'jaqsam xejn mal-ħlas pretiż minnu. L-attur qal li huwa għandu jagħti lill-konvenut madwar tmien mitt Euro għall-ħażna tad-dgħajsa.

10. Il-konvenut ippreżenta l-*affidavit* ta' ċertu **Brandon Caruana**, li spjega li huwa mekkanik u l-garaxx tiegħu jismu CB Automotive Repair. Qal li għall-bidu tas-sena 2020 kien mar għandu l-konvenut bi trakk tad-ditta Scania, u kien talbu jiċċekkja l-brejkijiet u l-molol tal-brejkijiet tat-trakk. Qal li huwa qala' r-roti, bidel il-*liners* ta' quddiem u ta' wara, qala' l-molol, il-*pipe* tal-i*spring brake* u bidel il-*fitting* ukoll. Qal li meta qala' l-mekkaniżmu tat-trakk, sab li r-roti kienu ġġammjati u iebsin biex jinħallu, u kemm ir-roti kif ukoll il-kamini kienu miżbugħin. Qal li huwa kien informa lill-konvenut li dawn kellhom jitnaddfu qabel isir ix-xogħol, għaliex inkella kienet ser issir il-ħsara. Qal li dan kollu jfisser li r-roti kienu ilhom żmien ma jinqalgħu, u meta qala' r-roti huwa sab il-*liners* tal-brejkijiet mikulin u għalhekk bidilhom. Qal li l-*liners* tan-nofs ma kienx hemm il-ħtieġa li jinbidlu għaliex kienu għadhom f'kundizzjoni tajba. Qal li meta lesta, huwa kien ħareġ fattura lill-konvenut, u dan kien ħallsu.

11. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien ħa t-trakkijiet għand l-attur biex jagħmlilhom *service,* u meta lesta x-xogħol, dan kien infurmah li l-kont kien tela' għal madwar elfejn Euro. Il-konvenut qal li l-attur dam jippressaħ+ biex jitħallas, għad illi meta huwa kellu jiġbor elf u ħames mitt Euro mingħand l-attur meta krielu l-*boat yard,* kien dam xi sena biex ħallsu. Żied jgħid li huwa ilu bosta snin jaħdem fuq it-trakkijiet, u kien induna li ż-żejt tat-trakk ma kienx inbidel, u anki li r-roti tiegħu ma nqalgħux wara li kien ġab it-trakk mingħand l-attur.

12. Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Noel Busuttil**, li qal li kien jaħdem mal-konvenut. Spjega li t-trakk tad-ditta Scania kien maħsub biex jintuża għall-ġarr tal-ilma, u l-ewwel darba li nstaq dan it-trakk, waqaf. Ix-xhud spjega li dak il-ħin huma ċemplu lill-attur, u dan kien mar fuq il-post u sab li t-trakk kellu *leak* tal-arja għaliex kellu *valve* imwaħħal. Kompla jgħid li l-attur qata' l-*pipe* u kissru, u kien qallu li seta' jkompli jaħdem bit-trakk. Qal li l-għada huwa reġa' pprova jsuq it-trakk, iżda sab li dan kien qiegħed jikser ħażin. Ix-xhud spjega li t-trakk ittieħed għal darba oħra għand l-attur, u dan kien infurmahom li t-trakk kellha ssirlu sistema ta' *steering* bil-pompi li jiswew madwar elfejn Euro kull waħda, iżda l-attur kien offra li jelimina din is-sistema u jorbot il-pajpijiet b'ħadida. Ix-xhud qal li huwa kien induna li ż-żejt tal-magna ma kienx mibdul għaliex meta startja t-trakk sab li dan kien maħmuġ, u meta huwa jieħu l-vetturi tiegħu għand mekkanik, huwa dejjem jingħata *service history.* Qal li normalment *service* fuq vetturi kbar bħal dawn isir kull sitt xhur, u fil-fehma tiegħu l-*linings* tar-roti tat-trakkijiet għandhom iservu madwar sena.

## Is-Sentenza Appellata

13. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2022, it-Tribunal iddeċieda li għandu jilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), li tinkludi t-taxxa fuq il-valur iżjud, u ordna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lill-attur, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Provi u riżultanzi*

*Xehed Martin Zahra, prodott mill-attur. Dan xehed li kien jaħdem bħala mekkanik mal-attur. Qal li fis-sena 2020 kien ħadem fuq trakk tad-ditta Scania u x-xogħol li sar kien jinvolvi* jacking, *qlugħ tar-roti kollha, u bdil tal*-linings *ta' waħda mill*-axles. *It-trakk kien kbir fid-daqs u kellu diversi roti. Ix-xhud qal li flimkien miegħu, ħadem fuq it-trakk il-kollega tiegħu Roderick Mifsud. Zahra xehed li huwa personalment għamel* service *tal-magna, żjut u* filters. *Huwa qal ukoll li bidel il-brejkijiet ta' wara u bidel xi* linings. *Inoltre, rigward* linings *li ma bidilx għax kienu għadhom tajbin, huwa naddafhom u ssettjahom. Ix-xhud enfasizza li l*-linings *li tnaddfu u ġew issettjati kienu* linings *li ma kellhomx bżonn jinbidlu.*

*Xehed Roderick Mifsud, prodott mill-attur. Dan qal li relattivament għall-istess trakk imsemmi minn Zahra, huwa ħadem fuq il-brejkijiet ta' ġenb partikolari tat-trakk filwaqt li Zahra ħadem fuq il-brejkijiet tal-ġenb l-ieħor. Qalgħu r-roti kollha biex jaraw xi ħsarat kien hemm u bidlu r-roti ta'* axle *minnhom. Huwa bidel ir-rota tat-trakk l-aktar li juża, ċioe r-rota li kienet fl-agħar kundizzjoni. Ir-roti l-oħrajn kienu fi stat tajjeb. Għalhekk naddfuhom, issettjawhom u ma biddluhomx. Mifsud qal li qala' l*-istarter *u reġa' waħħlu, kif ukoll biddel xi lastiku iebes biex ma jaħbatx ħadid ma' ħadid. Mifsud qal li huwa ħadem fuq it-trakk tad-ditta Scania u ebda trakk tad-ditta Volvo.*

*Xehed l-attur stess, li qal li l-konvenut kien ġablu trakk tad-ditta Scania u trakk tad-ditta Volvo. Qal li huwa ħadem fuq il-Volvo personalment filwaqt li ż-żewġ impjegati tiegħu ħadmu fuq it-trakk Scania, iżda taħt is-superviżjoni tiegħu. Mill-bqija huwa kkonferma dak li xehdu Zahra u Mifsud.*

*B'referenza għad-dokument a fol. 2, l-attur spjega li l-ewwel* item *f'dik l*-invoice *kienet tirrigwarda l-Volvo filwaqt li l-bqija tal*-invoice *kienet kollha tirrigwarda t-trakk Scania. Mistoqsi x-xogħol li sar fuq it-trakk Scania, Riolo essenzjalment ikkonferma dak li xehdu l-ħaddiema tiegħu iżda żied li kellhom jibdlu l*-protection valve *u xtraw il-*

part *mingħand ditta jisimha "C&A" fil-Mosta. Qal li x-xogħol innifsu sar fil-5 ta' Marzu, 2020 filwaqt li l-*invoice *ħarġet fid-29 ta' Lulju, 2020. Meta saret referenza għad-*dismantling *ta'* axle air bellows, *liema xogħol hemm indikat li sar fil-25 ta' Mejju, 2020, ix-xhud spjega li meta jkun hemm madwar għoxrin ġurnata bejn deskrizzjoni tax-xogħlijiet fl-*invoice, *ikun ifisser li fil-perijodu bejn ix-xogħlijiet, il-klijent ikun ħa t-trakk lura.*

*Riolo hawn spjega li l-konvenut kien għadu kif xtara t-trakkijiet u qabbdu jara x'fihom. Huwa ddeskriva xi xogħlijiet li saru, fosthom fuq l-*axle air bellows *u l-*power steering pumps. *Imbagħad qal li darba fost l-oħrajn, il-konvenut talab biex jiltaqa' miegħu għal spezzjoni tal-kont. Qal li l-konvenut beda jiddubita jekk kienx veru li nbidlu l-brejkijiet. L-attur imbagħad qallu li seta' jivverifika kollox. Il-konvenut qal li kien ser iqabbad mekkanik ieħor sabiex jivverifika x-xogħlijiet li saru. L-attur ma tax oġġezzjoni iżda qal li ried ikun preżenti meta jkun hemm il-mekkanik l-ieħor. Ġara iżda li qatt ma saret laqgħa bejn il-partijiet u l-mekkanik.*

*Muri fol. 13 sa 15, Riolo qal li dawk kienu jirrigwardaw xogħlijiet li saru f'Awwissu 2020 minn terzi persuni, meta fil-fatt, hu u l-impegati tiegħu ħadmu fuq it-trakkijiet fil-5 ta' Marzu, 2020. Mistoqsi sabiex jipparaguna x-xogħlijiet li għamel hu max-xogħlijiet deskritti f'dawk id-dokumenti, ix-xhud qal li forsi l-ħaddiema terzi biddlu xi molla waħda li hu ma kienx deherlu li kellha bżonn tinbidel.*

*Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2021 sar il-kontro-eżami ta' Mario Riolo. Dan qal li għand is-sid li kellhom qabel il-konvenut, it-trakkijiet kienu ilhom weqfin. Il-Volvo saħansitra kellu xi problema indikata fid-*dashboard *u kellu problema biex itella' l-arja. Min-naħa l-oħra, it-trakk Scania kellu problema bil-brejkijiet u kellu bżonn* service. *Meta rriżulta li t-trakk Scania kellu anki problema bl-*isteering, *Riolo qal li d-ditta tiegħu sewwiet dik il-problema. In sinteżi, qal li l-konvenut inkarigah sabiex iġib iż-żewġ trakkijiet fi stat ta'* roadworthiness. *Imbagħad, ix-xhud kompla jispjega li huwa kien inkarigat anki biex jagħmel* service *fuq iż-żewġ trakkijiet.*

*Mistoqsi fejn kienu jinsabu l-vetturi, ix-xhud qal li t-trakk Scania twassal għandu mill-konvenut filwaqt li x-xogħol fuq il-Volvo sar fil-bitħa tal-konvenut, għaliex il-Volvo ma setax jinstaq. Ix-xhud ikkonferma li ma kienx hu personalment li ħadem fuq it-trakk Scania, iżda l-ħaddiema tiegħu taħt is-superviżjoni tiegħu.*

*B'referenza għall-parti tal-*invoice *li tirreferi għal "*certification from engineer*", Riolo spjega li t-trakk relattiv kien* bowser *tad-*diesel *li biex jiġi kkonvertit għal* bowser *tal-ilma ried ikun iċċertifikat minn inġinier. Qal li l-konvenut kien staqsieh jekk jafx xi inġinier. Qal li kien hu stess (jiġifieri Mario Riolo stess) li qabbad l-inġinier u ħallas lill-istess inġinier.*

*Mistoqsi dwar xi molol, ix-xhud spjega li dik il-kelma ma kinitx tirreferi għal-*leaf springs *li jieħdu t-toqol tat-trakk, iżda għal xi apparat li jgħaqqad il-*brake lining *ta' isfel mal-*brake lining *ta' fuq. Mistoqsi għal kemm tul ta' żmien setgħet isservi tali molla, ix-xhud spjega li l-*lifespan *tal-molla kienet tiddependi mis-*slack adjuster. *Issa f'dan il-każ tat-trakk Scania, is-*slack adjuster *ma kellux problemi. Magħfus biex jgħid x'kienet il-*lifespan, *ix-xhud qal li ma setax iwieġeb għax jiddependi anki minn kif isuq ix-xufier. Qal li ra* brake linings *li servew għal sena u oħrajn li servew għal xahar biss. Qal ukoll li jekk wieħed isuq kif għandu jsuq, għandhom iservu għal sena. Però sewwieqa li jużaw l-*engine brake *u l-*exhaust brake *u konsegwentement ma tantx jużaw il-brejkijiet normali kellhom* brake lining *u* slack adjuster *u molla li servew żmien twil.*

*Muri l-*invoice *maħruġa mill-mekkanik l-ieħor u mitlub jipparaguna liema xogħol għamel hu u liema le, ix-xhud qal hekk:*

- *Li huwa qala' t-tyres;*
- *Li ma biddilx il-*front brake linings *iżda ċċekkjahom biss u rriżultalu li kienu għadhom tajbin;*
- *Li naddfu u mhux biddlu r-*rear brake linings;
- *Li bidel xi* brake linings;
- *Li ma ftakarx jekk biddilx parti mill-*isprings *jew jekk biddilhomx kollha;*
- *Li ma żarmax ir-*rear spring break pipe.

*F'dan l-istadju saret domanda lix-xhud dwar dgħajsa, fis-sens li x-xhud ġie mistoqsi dwar dgħajsa li l-konvenut Spiteri kien qiegħed jaħżen għall-attur Riolo. Riolo qal li għal dan, kellu jħallas lil Spiteri ftit 'il fuq minn tmien mitt Euro.*

*In ri-eżami, ix-xhud spjega li kien hemm* brake linings *li fil-fehma tiegħu kienu għadhom tajbin iżda li l-mekkanik l-ieħor deherlu li kellu jibdilhom.*

*Sar il-kontro-eżami ta' Martin Zahra. Dan ikkonferma li ħadem fuq it-trakk Scania biss. Qal li Mario Riolo tahom struzzjonijiet biex jagħmlu* full service *u jaraw anki l-*bump stops *li kienu maqsumin, u anki l-brejkijiet. Service normali kien jinkludi ż-żejt tal-magna, il-*filters, gear oils *u l-brejkijiet. Mistoqsi dwar il-*lifespan *tal-*brake linings, *ix-hxud wieġeb li l-mod tas-sewqan tax-xufier jagħmel differenza. Madankollu qal li ma kinitx normali li f'xahar dawn jiddeterjoraw b'mod li jkollhom bżonn jinbidlu. Dwar xogħol, huwa qal li hu ħa ħsieb il-brejkijiet ta' naħa partikolari u s-*service *u xi* bump stops *filwaqt li l-brejkijiet tan-naħa l-oħra għamilhom il-kollega tiegħu, Roderick.*

*Hu qal li f'xogħlu jieħu direzzjonijiet mingħand Mario Riolo.*

*Mistoqsi dwar l-*invoice *inkwantu xogħlijiet li saru fil-5 ta' Marzu, 2020 u oħrajn fil-25 ta' Mejju, 2020, ix-xhud qal li ma kienx jiftakar kemm it-trakk Scania dam għand l-attur.*

*In kontro-eżami, Roderick Mifsud qal li tgħallem jaħdem fuq it-trakkijiet Scania u Volvo bl-esperjenza. F'dan il-każ, ħadem fuq it-trakk Scania biss. Mistoqsi kemm dam, ix-xhud qal li ma jiftakarx. Mistoqsi imbagħad dwar il-*lifespan *tal-molol tal-*brake linings, *qal li din kienet tiddependi mit-tagħbija u anki l-*mileage *tat-trakk.*
*In ri-eżami, Mifsud xehed li minn dawk li ħadem fuqhom hu, kien hemm* brake linings *li ma nbidlux, u ma nbidlux għar-raġuni li fil-fehma tiegħu, kienu għadhom tajbin. Dawk li ma nbidlux ġew imnaddfin u ssettjati.*

*Brandon Caruana ppreżenta affidavit li fih qal li kien mekkanik u kellu garaxx jismu CB Automotive Repair. Huwa ddeskriva x-xogħlijiet li wettaq fuq it-trakk Scania li huwa proprjetà tal-konvenut.*

*Il-konvenut xehed matul l-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2021 u essenzjalment insista li ma kienx minnu li l-attur għamel xogħol fuq it-trakk Scania. In kontro-eżami, il-konvenut qal li kien ħa t-trakk Scania għand Brandon Caruana wara li qabel kien ħa t-trakk għand l-attur.*

*Noel Busuttil, prodott mill-konvenut, xehed in eżami u rrakkonta episodju meta hu kien qiegħed isuq it-trakk Scania u dan waqaf billi kellu xi ħsarat. It-trakk ġie meħud għand l-attur u l-attur qalilhom li trid issir sistema ta' pompi. Ix-xhud spjega li huwa ra ż-żejt tal-magna tat-trakk wara li t-trakk ġie lura mingħand l-attur u ma kienx minnu li nbidel iż-żejt stante li ż-żejt kien maħmuġ. Inoltre, meta t-trakk waqaf, kien sar biss vjaġġ wieħed.*

*<u>Konsiderazzjonijiet</u>*

*F'dan il-każ, il-partijiet qegħdin jargumentaw dwar jekk fil-fatt l-attur għamilx xogħol ta'* servicing *u/jew tiswijiet partikolarment fuq it-trakk Scania. Il-konvenut Carmelo Spiteri qiegħed jallega li ċerti affarijiet inklużi fil-kont mibgħut lilu mill-attur mhux veru saru u għalhekk ma kellux iħallsu.*

*Jirriżulta mid-depożizzjoni tal-konvenut stess (fol. 51) li t-trakk Scania kien ilu wieqaf fil-*boatyard *tiegħu sentejn u nofs. Ix-xhud Noel Busuttil, prodott mill-konvenut, qal li kull vettura kbira kellu jsirilha* servicing *u manutenzjoni almenu kull sitt xhur (fol. 60). Għalhekk mhuwiex sorprendenti li t-trakk Scania ried ħafna xogħol.*

*Jirriżulta mid-dokument MR1 li x-xogħlijiet fuq it-trakk Scania ma sarux kollha f'salt wieħed. L-ispjegazzjoni tal-attur kienet li fl-intervalli, il-konvenut ikun ħa t-trakk lura biex jaħdem bih. Minn dak li jista' jifhem it-Tribunal, jidher li fl-intervall bejn kull "sett"*

*ta' xogħlijiet kienu jqumu problemi ġodda li jinneċessitaw ir-ritorn tat-trakk għand l-attur, li imbagħad kien isib problemi ġodda.*

*L-attur qal li l-konvenut kien għadu kif xtara t-trakkijiet u għalhekk, ħadd minnhom ma kien jaf eżatt l-istat tagħhom (fol. 28). Iżda ma jirriżultax li dan huwa minnu, għaliex il-konvenut stess qal li t-trakk Scania kien ilu għandu sentejn u nofs. Mhuwiex magħruf kif l-attur seta' jgħid b'daqshekk ċertezza li l-konvenut kien għadu kif xtara t-trakkijiet.*

*L-attur spjega li fl-*invoice *tiegħu, id-data li fiha biċċa xogħol partikolari tkun saret hija indikata ħdejn id-deskrizzjoni ta' dik il-biċċa xogħol. Il-maġġor parti tad-diżgwid bejn il-partijiet huwa dwar xogħlijiet li allegatament saru fil-5 ta' Marzu, 2020.*

*Min-naħa l-oħra, il-mekkanik Brandon Caruana ma qalx eżattament meta t-trakk Scania wasal għandu. Huwa qal biss li t-trakk wasal għandu* "għall-bidu tas-sena 2020" *(fol. 49). Il-konvenut qal fil-kontro-eżami (fol. 54) li hu ħa t-trakk Scania għand Brandon Caruana* <u>*wara*</u> *li kien l-ewwel ħadu għand l-attur. Allura, jekk huwa minnu li Caruana eżamina t-trakk Scania lejn il-bidu tas-sena 2020, dan bilfors kellu jkun f'xi punt fix-xahar ta' Marzu 2020. Altrimenti, ikun għadda xi ftit jew wisq il-*<u>*bidu*</u> *tas-sena 2020. Dan ifisser li meta t-trakk Scania wasal għand Caruana, suppost kien għadu frisk mix-xogħlijiet li twettqu fuqu mill-attur.*

*It-Tribunal ma jistax jifhem għaliex dan it-trakk partikolari kien il-ħin kollu ġej u sejjer għand l-attur. Normalment meta wieħed jieħu vettura għat-tiswijiet, jistenna li l-mekkanik jagħmel it-tiswijiet kollha meħtieġa qabel jirrilaxxja l-vettura lill-klijent. Fil-każ li l-klijent jinsisti li jieħu lura l-vettura, il-mekkanik għandu jissalvagwardja ruħhu billi jġiegħel lill-klijent jiffirma dikjarazzjoni li biha jagħraf li minkejja li t-tiswijiet għadhom ma sarux iżda huwa xorta qiegħed jinsisti li jeħodha.*

*Kemm jekk it-trakk Scania kien ilu fil-pussess tal-konvenut sentejn u nofs, kif ukoll jekk il-konvenut kien għadu kif xtrah, l-attur messu ma rrilaxxjax it-trakk qabel kien assolutament ċert li ma kellux aktar problemi. Ovvjament l-imprevisti jkunu dejjem, iżda t-Tribunal qiegħed jintalab jemmen li wara tiswijiet u eżaminazzjonijiet estensivi li saru fil-5 ta' Marzu, 2020, dan it-trakk kellu bżonn tiswijiet fl-*air bellows *tar-*rear axle, *kellu bżonn li jiġu żarmati l-*power steering rear pumps *u kellu bżonn li jsirulu* struts *fis-sistema tal-*power steering. *Ma ġiex spjegat għas-sodisfazzjon tat-Tribunal għaliex dan kollu ma ġiex innutat aktar kmieni (salv l-imprevist tal-episodju ta' Ħal Far).*

*Il-konvenut jallega li fil-fatt, kien Brandon Caruana li għamel ix-xogħlijiet neċessarji. In sostenn ta' dan, il-konvenut ippreżenta* invoice *(fol. 13) datata 7 ta' Awwissu, 2020.*

*Iżda imbagħad hemm żewġ* invoices *(fol. 14 u fol. 15) li huma bla data u barra minn hekk, jidhru li nħarġu minn CSJ Limited u mhux minn Brandon Caruana.*

*Filwaqt li t-Tribunal ma jsibx problemi jgħid li fil-fehma tiegħu, l-ammont reklamat mill-attur jidher esaġerat fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal ma jemminx li l-attur ma wettaqx xogħol fuq it-trakk relattiv. It-Tribunal qiegħed jitteorizza li donnha teżisti sitwazzjoni ta' żewġ professjonisti jagħtu opinjonijiet differenti. Dan kien evidenti fl-argument dwar il-bdil tal-*linings *tal-brejkijiet. Fil-fehma tat-Tribunal, mekkanik partikolari jista' jgħid li fil-fehma tiegħu,* lining *fadallu aktar x'jittiekel qabel ikun mibdul, mentri mekkanik ieħor jgħid li l-*lining *għandu jinbidel mingħajr aktar dewmien. Mhuwiex neċessarjament il-każ li wieħed huwa korrett u l-ieħor żbaljat. Huwa l-każ li l-professjonisti differenti taw opinjonijiet differenti.*

*Fir-rigward tal-*wear and tear, *it-Tribunal jaqbel inkwantu ntqal li l-*wear and tear *jiddependi mit-tagħbija tat-trakk u mill-istil tas-sewqan tas-sewwieq. Ma kienx raġonevoli li fil-kontro-eżami jiġi mistenni li x-xhud jindika* lifespan *eżatta u preċiża għal* part *partikolari.*

*It-Tribunal ra li fix-xhieda tiegħu, il-konvenut kien ferm insistenti li l-attur ma wettaq ebda xogħol fuq it-trakk Scania. Il-konvenut spjega li wasal għal din il-konklużjoni billi ż-żebgħa fuq ir-roti ma kinitx miksura u dak kien ifisser li l-*bolts *tar-roti ma nqalgħux u ladarba r-roti ma nqalgħux, il-*linings *tal-brejkijiet ma ntmessux (għax ma tistax taħdem fuq il-brejkijiet mingħajr ma taqla' r-roti).*

*Iżda jirriżulta li mir-ritratti monokromatiċi, huwa diffiċli li din it-teżi tal-konvenut tiġi kkonfermata, u dan oltre li wieħed ma jafx liema rota hija murija f'liema ritratt.*

*In konklużjoni, billi ma ġiex ikkontestat mill-attur li ż-żebgħa fuq xi* bolts *ma ġietx miksura, it-Tribunal ma jistax jemmen li l-attur verament qala'* <u>kull</u> *rota tat-trakk (kif allega fl-*invoice). *Huwa prinċipalment abbażi ta' dan li t-Tribunal sejjer jiddeċiedi.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal sejjer jillikwida* arbitrio boni viri *s-somma ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500), liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud. It-Tribunal jispjega li huwa wasal għal din is-somma billi elimina sitt mitt euro (€600) mill-elf u mitejn euro (€1,200) imniżżlin mill-attur fid-dokument MR1 bħala ammont dovut għax-xogħlijiet li twettqu fil-5 ta' Marzu, 2021.*

***<u>Decide</u>***

*Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament għal* ***elfejn u ħames mitt euro (€2,500) liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud****, u jordna lill-konvenut sabiex iħallas din is-somma lill-attur.*

*Billi ma ntalabx imgħax, it-Tribunal huwa prekluż milli jordna l-ħlas tal-imgħax.*

*It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu kwinta (1/5) mill-attur u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.*

## L-Appell

14. L-appellant appella minn din is-sentenza tat-Tribunal permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-11 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji tiegħu, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi.

15. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat għaliex it-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta qies li r-ritratti monokromatiċi ma kellhom ebda valur probatorju, kif ukoll fejn għamel likwidazzjoni *arbitrio boni viri.* L-appellant qal li huwa mhuwiex jitlob lil din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, ħaġa li tista' ssir biss jekk jirriżultaw raġunijiet gravi biżżejjed. Qal iżda li mill-punto di vista legali, it-Tribunal ma setax jiskarta l-prova ta' ritratt monokromatiku, partikolarment għaliex din il-provi hija kkorroborata kemm mix-xhieda tal-appellant, kif ukoll mix-xhieda maħlufa tal-mekkanik Brandon Caruana, minn fejn kellu jirriżulta li x-xogħol ma sarx bil-mod kif allega l-appellat fl-*invoice* maħruġa minnu. L-appellant qal li mill-provi kellu jirriżulta li t-trakk kien sprejjat bil-*bolts* u bil-kamini b'kollox, u rriżulta li ma kien hemm l-ebda ksur fiż-żebgħa, xi ħaġa li kienet tirriżulta li kieku r-roti nqalgħu u reġgħu twaħħlu. Qal li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellat fl-*invoice* li ħareġ, fejn hemm imniżżel "*Dismantling of all wheels*"*,* ir-roti ma nqalgħux, kif ikkonferma Brandon Caruana fl-*affidavit* tiegħu. Qal ukoll li n-nuqqas ta' ritratti bil-kulur ma kellu jagħmel l-ebda differenza biex finalment jiġi determinat li

mhux biss fil-5 ta’ Marzu, 2020 ma kienx sar parti mix-xogħol, imma x-xogħol kollu li allegatament sar f’dik il-ġurnata, u li l-appellat qiegħed jitlob ħlas tiegħu, fil-fatt ma kienx sar.

16. L-appellant qal li ladarba ġie ppruvat li l-ammont skont l-*invoice* maħruġa mill-appellat ma kienx dovut għaliex ix-xogħol ma kienx sar, u ladarba t-Tribunal seta’ jiddetermina bl-eżatt il-*quantum* tal-ħlas dovut, il-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* li saret hija legalment żbaljata.

17. L-appellant qal ukoll li huwa ħassu aggravat għaliex t-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta injora għal kollox is-sitt eċċezzjoni miġjuba mill-appellant, il-konvenut quddiem it-Tribunal, fir-risposta tiegħu tat-23 ta’ Marzu, 2021. L-appellant qal li mill-provi miġjuba kellu jirriżulta li l-appellat jikri mingħandu spazju fejn iżomm id-dgħajsa tiegħu, u fil-fatt l-appellat innifsu fix-xhieda tiegħu tal-5 ta’ Ottubru, 2021, ammetta li kien għad fadallu jagħti madwar tmien mitt Euro lill-appellant. L-appellant qal li għall-finijiet ta’ ġustizzja, fil-likwidazzjoni ta’ dak allegatament dovut mill-appellant lill-appellat, kellha tittieħed konjizzjoni tal-ammissjoni tal-appellat li huwa kellu ħlasijiet ta’ kera pendenti dovuta lill-appellant, u għalhekk kellu jsir tnaqqis ta’ dan l-ammont bi tpaċija mal-ammont li jrid iħallas l-appellant.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. Fir-risposta tiegħu għall-appell intavolat mill-appellant, l-appellat qal li dan l-appell huwa wieħed frivolu u vessatorju, u għandu jiġi respint. Qal li l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant ma jreġġix għaliex ma hemm l-ebda ksur ta l-ebda artikolu tal-liġi. L-appellat qal li dan l-aggravju huwa biss tentattiv

sabiex din il-Qorti tirrevedi l-provi fil-mertu tagħhom, meta l-appellant jaf ben tajjeb li din il-Qorti hija prekluża milli tissindaka u tvarja konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li saru mit-Tribunal, stante li dan ikun jammonta għal apprezzament mill-ġdid tal-provi. Qal li din hija kawża fejn huwa bħala mekkanik tat-trakkijiet intalab isewwi u jisservisja żewġ trakkijiet, u xhur wara li saru x-xogħlijiet, l-appellant wara li mar isewwi dawn it-trakkijiet għand terzi, allega li ċertu xogħol ma kienx sar mill-appellat. L-appellat qal li t-Tribunal żamm diversi seduti fejn sema' diversi xhieda, fosthom ta' lavranti tiegħu li ħadmu fuq dawn it-trakkijiet, u li kkonfermaw li ħadmu fuqhom u li bidlu *parts* differenti minnhom. L-appellat qal li fil-fatt irriżulta b'mod konklussiv li huwa verament esegwixxa x-xogħlijiet li dwarhom huwa ressaq it-talba għall-ħlas, u jekk verament saru xogħlijiet minn terzi li wkoll bidlu ċerti *parts,* dawn ma kinux l-istess *parts* li biddel hu u l-ħaddiema tiegħu. Qal ukoll li r-ritratti monokromatiċi fil-fatt ġew ikkonsidrati mit-Tribunal, u meta għamel riferiment għalihom l-appellat ipprova jqarraq meta qal li għaliex kien hemm *bolts* li jidhru bit-trab, dawn ma kinux iżżarmaw. L-appellat qal li fil-fatt it-Tribunal sema' kif inhu possibbli li tispezzjona l-brejkijiet mingħajr ma tiżżarma rota, għaliex id-*disk drums* jinħallu minn ġewwa. Qal li fil-fatt it-Tribunal sema' tliet *mechanics* jispjegaw li sabiex inbidlu ċerti partijiet tal-brejkijiet, mhux bilfors li kellhom jiżżarmaw ċerti boltijiet tar-roti u l-*axle.* Qal li din il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-kwistjoni tal-apprezzament tal-provi, sakemm ma jirriżultax xi żball grossolan, u l-*mechanics* tiegħu spjegaw fid-dettall u fuq medda ta' diversi seduti x-xogħol li sar, b'tali mod li t-Tribunal seta' jifhem u japprezza x-xogħol involut u li effettivament sar.

19. L-appellat qal li t-Tribunal fis-sentenza appellata ddeċieda li minn talba ta' €3,199.24, kellu *arbitrio boni viri* jillikwida l-ammont ta' €2,500 bħala kumpens. Qal li huwa jirrimetti ruħhu għal din id-deċiżjoni minkejja li huwa tal-fehma li dan it-tnaqqis ma kellux isir, ladarba t-Tribunal ikkonstata li dan ix-xogħol kien sar, u li l-ħlas mitlub kien għal dan ix-xogħol, u għalhekk it-tnaqqis mis-somma pretiża minnu ma kienx ġustifikat. L-appellat qal iżda li f'dan il-każ it-Tribunal ħass li kellu jispjega r-raġuni għalfejn kien hemm tali tnaqqis relatat mal-bdil ta' *brake pads* li ma nbidlux, u l-appellat spjega ulterjorment li dawn il-*brake pads* verament ma nbidlux, u huwa ma kienx talab ħlas għalihom. L-appellat qal li għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant huwa frivolu u vessatorju, anki għaliex it-Tribunal għamel tnaqqis li ma kienx mistħoqq.

20. L-appellat qal li anki t-tieni aggravju mhux sostenibbli, għaliex is-sitt eċċezzjoni miġjuba mill-appellant kienet biex isir *set off* ma' servizzi ta' ħażna ta' dgħajsa. Qal li t-Tribunal ma setax jordna li jkun hemm tali tpaċija, għaliex dan l-ammont ma kienx jifforma parti mill-mertu tal-kawża, u fi kwalunkwe każ l-appellant ma ressaq l-ebda prova ta' dawn l-allegati servizzi.

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

21. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellat.

*L-ewwel aggravju:* *applikazzjoni ħażina tal-liġi mit-Tribunal*

22. L-appellant jgħid li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-liġi għaliex ma kellux jiskarta l-valur probatorju tar-ritratti monokromatiċi ppreżentati minnu, partikolarment għaliex din il-prova kienet ikkorroborata mix-xhieda mogħtija mill-appellant innifsu u mill-mekkanik Brandon Caruana.

23. Il-Qorti tirrileva li mhuwiex minnu li t-Tribunal skarta għal kollox il-prova tar-ritratti monokromatiċi esebita. Għall-kuntrarju, it-Tribunal qal li mir-ritratti esebiti huwa diffiċli li wieħed jiġbed il-konklużjoni li ma sar l-ebda *dismantling* tar-roti, u għalhekk ma setax jingħad b'ċertezza li r-roti ma nqalgħux. It-Tribunal osserva wkoll li mir-ritratti esebiti, huwa diffiċli jgħid liema mir-roti hija murija fir-ritratt. Dak li kkonkluda t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, huwa għal kollox differenti mill-impressjoni li pprova jagħti l-appellant bl-aggravju tiegħu, li t-Tribunal skarta għal kollox jew naqas milli jikkonsidra r-ritratti esebiti. Dan mhuwiex minnu, għaliex mis-sentenza appellata jirriżulta li t-Tribunal ikkonsidra ir-ritratti msemmija, u qies li waħedhom mhumiex prova konvinċenti li l-ebda waħda mir-roti tat-trakk ma nqalgħet, kif qiegħed jallega l-appellant. L-appellat fir-risposta tiegħu għar-rikors tal-appell, qal li ma kienx hemm il-ħtieġa li jinqalgħu r-roti kollha, u fil-fatt it-Tribunal naqqas ammont mis-somma pretiża mill-appellat sabiex jirrifletti dan. L-appellant lanqas m'għandu raġun jgħid li l-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* kif saret mhijiex korretta. L-appellant qiegħed jibbaża din il-parti tal-aggravju tiegħu fuq l-assunzjoni li l-ebda waħda mir-roti ma nqalgħet, xi ħaġa li kemm it-Tribunal kif ukoll din il-Qorti huma tal-fehma li ma setgħetx tiġi vverifikata, u għalhekk dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u din il-Qorti tiċħdu, għaliex l-allegazzjoni tal-appellant li l-ebda waħda mir-roti ma nqalgħet, ma ġietx ippruvata.

*It-tieni aggravju: is-sitt eċċezzjoni tal-appellant*

24. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li huwa ħass ruħhu aggravat ukoll għaliex it-Tribunal naqas milli jikkonsidra li huwa għandu jieħu somma flus mingħand l-appellat għall-kiri ta' spazju fejn dan tal-aħħar iżomm id-dgħajsa tiegħu, partikolarment meta waqt ix-xhieda tiegħu l-appellat qal li huwa għandu jħallas l-ammont ta' tmien mitt Euro (€800) lill-appellant għal dan is-servizz.

25. Il-Qorti tqis illi pretensjoni bħal din kellha tinġieb mill-appellant fil-forma ta' kontro-talba fl-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jew fi proċeduri separati, fejn allura l-appellat kien ikollu l-jedd li jressaq id-difiża u l-provi tiegħu bi tweġiba għat-talba tal-appellant. Fi kwalunkwe każ, l-appellant naqas milli jġib provi konkreti dwar kemm huwa eżattament l-ammont li qiegħed jippretendi li għandu jieħu mingħand l-appellat, u minkejja li l-appellat innifsu ammetta li hemm bilanċ dovut minnu.Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant, filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**